# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D**

**Appell Numru: 546/2015**

Il-Pulizija

vs

**Mark Scerri**

iben Joseph, imwieled Pieta', fl-1 ta' April, 1977, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 178977(M)

Illum, 3 ta' Mejju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mark Scerri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli fid-9 ta' Dicembru, 2003 ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar:

> Ikkommetta serq ta' ammont ta' flus li jeccedi l-mitt lira Maltin u dan ghad-dannu ta' Raymond Galea, liema serq hu aggravat bil-valur u l-mezz;
>
> U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Raymond Galea liema hsara ma teccedix il-hamsin lira Maltin.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Dicembru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(b), 261(c), 263, 267, 278(2), 279(a) u 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal sena prigunerija effettiva.

Inoltre, il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta’ mitejn u wiehed u ghoxrin Euro u seba’ u tmenin centezmu (€221.87) – rapprezentanti is-somma ta’ hamsa u disghin Lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm95.25) - li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Rat ir-rikors tal-appellant Mark Scerri minnu pprezentat fil-21 ta’ Dicembru, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tad-9 ta' Dicembru 2015 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi u konsegwentement tillibera lill-imputat minn kull imputazzjonijiet jew htija, jew alternattivament u minghajr pregudizzju, jekk din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel aggravju m'ghandux jintlaqa' allura tvarja l-istess sentenza fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet htija fl-appellant u thassarha f'dik il-parti li titratta l-piena u konsegwentement timponi piena alternattiva ghal dik ta' inkarcerazzjoni effettiva.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

> Illi l-ewwel Qorti sabet htija fl-apellant solament a bazi ta' ammissjoni ta' l-appellant fl-ewwel udjenza. Tali ammissjoni pero ma kienitx wahda valida.
>
> Illi l-artikoli li jitratta l-ammissjonijiet huwa l-artikolu 453 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jghid hekk:
>
> "453. (1) Jekk l-akkuzat, bhala twegiba ghall-mistoqsija li ghandha ssir skont l-artikolu 450, jistqarr li hu hati tar-reat, il-qorti twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta ' dik it-twegiba, u taghtih ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha. Izda jekk l-akkuzat jibqa' jtenni dik it-twegiba, din it-twegiba tigi irregistrata u l-qorti tghaddi 'l quddiem biex taghti lill-akkuzat dik is-sentenza li ghandha tinghata skont il-ligi kontra akkuzat li jinsab hati tar-reat.
>
> (2) Izda, meta jkun hemm raguni tajba biex wiehed jiddubita jekk ir-reat in genere kienx gie tassew maghmul, Jew jekk l-akkuzat hux hati tar-reat, il-qorti ghandha, ghalkemm l-akkuzat ikun stqarr, tordna li l-kawza titmexxa ‘il quddiem, bhallikieku l-akkuzat ma wegibx li hu hati. "

Illi minn harsa lejn il-verbal relattivi jirrizulta li l-appellant ma inghatax l-opportunita jahsibha u jikkonferma l-ammissjoni tieghu. In oltre, kif il-Qorti kkummentat fis-sentenza, nonostante li l-allegata ammissjoni l-kawza thalliet ghall-provi daqs li kieku l-appellant kien wiegeb li ma kienx hati.

Illi f'dan is-sens, l-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza ta' din l- Onorabbli Qorti preseduta mill-Onorevoli Prim Imhallef Vincent De Gaetano u moghtija nhar 1-10 ta' Jannar, 2003 (Appell Kriminali Numru. 196/2002) fl-ismijiet Il-Pulizija v. Gary Grech et, fejn gie ritenut hekk:

> *Issa, skont l-Artikolu 392A(1) il-Qorti tal-Magistrati ghandha tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 453(1). Skont 1-Artikolu 453(1) jekk l-imputat jistqarr, bhala twegiba ghall-mistoqsija jekk iridx u xi jrid iwiegeb fuq l-akkuza, li hu hati skont l-imputazzjoni, il-qorti ghandha twissih b'mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u taghtih flit ta' zmien biex jerga' lura minnha. Huwa biss jekk l-imputat jibqa' jtenni dik it-twegiba li l-qorti ghandha tordna li l-ammissjoni tigi registrata, u wara tghaddi biex taghti s-sentenza skont il-ligi. L-osservanza ta' dan ir-rit, li l-legislatur iqis li hu importanti biex jigu salvagwardati d-drittijiet ta' l-akkuzati, ghandu jirrizulta mill-atti u senjatament mill-verbal ta' l-udjenza li fiha jkun sar l-ezami ta' l-imputat (ara, f'dan is-sens ukoll, Il-Pulizija v.Emmanuel Testa App. Krim. 17/712002). Skont il-verbal ta' l-udjenza tad-29 ta' Awissu, 2002 (fol. 11) jirrizulta li nqrat l-akkuza, li sar 1-ezami u li kien hemm ammissjoni; skont il-formula ta' l-ezami ta' 1-imputat (fol. 13) - li hi fiha nnifisha verbal - gie osservat ukoll 1-Artikolu 392(2). Izda minn imkien ma jirrizulta li gie osservat l-Artikolu 392A(1), b'mod ghalhekk li anqas jista' jinghad li gie osservat ir-rit traccjat fl-Artikolu 453(1) aktar 'il fuq deskritt. Huwa proprju ghalhekk li din il-Qorti sejra tilqa' dana l-appell. (enfasi tal-appellant).*

Illi konsegwentement, l-ewwel Qorti kellha tinjora din l-ammissjoni u tezamina l-provi. Minhabba din il-mankanza pero, gara li l-Ewwel Qorti lanqas biss dahlet f'xi forma ta' ezami tal-provi ghaliex strahet fuq ammissjoni proceduralment zbaljata. Jirrizulta illi l-provi huma karenti ghall-ahhar ghal dak li jirrigwarda l-involviment ta' l-appellant fir-reat in dezamina. Hadd ma ra jew gharaf lill-appellant bhala l-persuna li harget mill-vann in kwistjoni u li dahal fil-hanut.

Illi fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi l-ewwel Qorti kellha tillibera lill-appellant mill-akkuzi.

It- Tieni Aggravju - Piena

Illi minghajr pregudizzju, bhala t-tieni aggravju, jekk din il-Qorti ma taqbilx li hemm lok ta' akkoljiment ta' l-ewwel aggravju, l-appellant jissottometti illi l-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva.

> Illi l-appellant qiegħed jittanta jirranga ħajtu. Fil-fatt huwa presenzjalment qed jiskonta piena oħra ta' prigunerija u fil-mori huwa kkompleta wkoll b' success programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Rappresentanti tas-Sedqa huma lesti jikkonfermaw dan kollu jekk din il-Qorti viva voce jekk jigu awtorizzati jagħmlu hekk.
>
> Illi għalhekk piena li ma tkunx waħda karcerarja kienet tkun aktar xierqa biex tinkuraggixxi lill-appellant fit-triq li qabad dan l-aħħar li jirriforma ruħu. Dan qiegħed jingħad ukoll anke fl-isfond ta' gustizzja riparatrici.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi kif tajjeb jingħad mill-appellant fl-appell minnu intentat għalkemm huwa irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, l-Ewwel Qorti xortawaħda għaddiet għas-smiegħ tal-provi. Iżda minn qari tad-deċiżjoni impunjata joħroġ illi l-Ewwel Qorti sejset id-dikjrazzjoni ta' ħtija fil-konfront tal-appellant unikament fuq l-ammissjoni minnu magħmula fl-ewwel seduta lura fil-21 ta' Lulju 2004. Apprezzament dwar il-provi li kien hemm fl-atti ma sarx. Illi fil-fatt skont il-provi prodotti jirriżulta li nhar id-9 ta' Diċembru 2003, Raymond Galea, il-vittma irraporta lill-pulizija, u cioe' lil PS1439 John Tabone, li hekk kif irritorna lura fil-ħanut tiegħu PVC Pipe Centre ġewwa Raħal il-Gdid, għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofs in-nhar, nnota li kellu l-bieb tal-ħanut li kien fuq il-ħġieġ miftuħ u kif daħal sab li l-flus li kellu *fil-cash register* fl-ammont ta' bejn Lm280 u Lm300, (illum ekwivalenti għal bejn €652.22 u €698.81), neqsin. Irriżulta wkoll mill-istħarriġ li sar matul l-inkjesta maġisterjali varata wara li seħħet is-serqa, illi min daħal fil-ħanut kien kisser il-ħġieġ tal-bieb tal-ħanut u llieva il-bieb biex jidħol, filwaqt li ġie nnutat ukoll li x-*shutter* tal-ħanut ma kienx imsakkar. Skont dak li rraporta wkoll il-vittma hu kien irċieva telefonata anonima ftit wara t-tlieta fejn kien ġie nfurmat li kienet waqqfet vettura tal-għamla Kia Sportage ta' lewn abjad bin-numru ta' reġistrazzjoni LAB762 ħdejn il-ħanut li minnha nizzlet persuna u daħħlet fil-ħanut meta dan kien magħluq. Mill-investigazzjonijiet li saru mill-pulizija rriżulta li din il-vettura kienet

irreġistrata f'isem l-appellant. Sussegwentement ittieħdu passi kontra l-appellant li tressaq il-qorti nhar il-21 ta' Lulju 2004 mixli bil-kummissjoni ta' dan ir-reat fejn meta jsir l-ezami tieghu minghajr gurament fit-termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, ddikjara li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi ghalkemm kif inghad mill-ezami li sar skont il-ligi l-appellant wiegeb li hu hati tal-akkuzi lilu addebitati, madanakollu ghal xi raguni dina l-ammissjoni ma hijiex riflessa fil-verbal tas-seduta. Ghal xi raguni li ukoll ma tohrog minn imkien mill-inkartament processwali, l-Ewwel Qorti xortawahda ghaddiet ghas-smigh tal-provi. Wara hafna tkaxkir tas-saqajn minn naha tal-Prosekuzzjoni sabiex iressqu il-provi, fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2013, u cioe' disgha snin wara li kienu inbdew dawn il-proceduri penali, l-appellant iddikjara li ma kellux provi x'jipproduċi.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ilment imressaq mill-appellant dirett lejn id-decizjoni impunjata huwa jishaq illi l-Ewwel Qorti malament strahet unikament fuq l-ammissjoni minnu irregistrata sabiex wasslet biex sabitu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Dan ghaliex fil-fehma tieghu l-ammissjoni minnu maghmula ma hijiex wahda valida u dan billi ma gietx sewgieta il-procedura imfassla fl-artikolu 453 tal-Kodici Kriminali bil-verbal tas-seduta lanqas jixhed illi huwa fil-fatt ammetta ghall-akkuzi u wisq anqas allura hemm irregistrat illi huwa inghata z-zmien biex jikkonsidra dik l-ammissjoni minnu maghmula. Illi l-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali, li gie emendat permezz tal-Att IV tal-2014, kien fiz-zmien meta gew varati dawn il-proceduri penali, jaghmel referenza ghal procedura adoperata quddiem il-Qorti Kriminali meta issir l-ammissjoni mill-persuna akkuzata. Illi bl-emendi li gew introdotti titnehha dina r-referenza ghalkemm il-legislatur jadotta l-istess procedura li ghandha tigi segwita mill-Qorti tal-Magistrati bil-persuna akkuzata allura jigi imwissi mill-qorti bil-konsegwenzi legali tat-twegiba tieghu u jinghata zmien biex jikkonsidra dik l-ammissjoni u jekk irid jerga' lura minnha. Dan kollu ghandu jigi irregistrat fil-verbal tal-qorti.

Issa huwa bil-wisq evidenti illi f'dan il-kaz din il-procedura qatt ma giet segwita. Dan johrog car mill-verbal tas-seduta tal-21 ta' Lulju 2004 li jaqra hekk:

> **"Meta issejhet l-kawza deher l-imputat assistit mill-Avukat Difensur tieghu Dr. Franco Debono. Deher l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Yvette Farrugia.**

**Xehed: Yvette Farrugia (Spettur)**
**Fejn ipprezenta, qara, kkonferma w halef c-charge sheet taht Gurament fl-Awla.**

**Il-kawza tibqa' differita ghal nhar il-Erbgha 27 ta' Ottubru 2004 fid-9:00a.m. ghal kontinwazzjoni provi Prosekuzzjoni w ghal provi Difiza.**

**L-imputat ta ruhu b'notifikat fl-Awla."**

Illi ghalkemm l-akkuzi migjuba kontra l-appellant kienu jezorbitaw il-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati, madanakollu l-Avukat Generali ipprezenta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja fit-termini tal-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali. Isir l-ezami tal-imputat minghajr gurament fejn huwa ma isibx oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz mill-Qorti tal-Magistrati u jiddikjara ukoll fil-mistoqsija li issirlu dwar dak li kien ser iwiegeb ghall-akkuzi lilu addebitati, illi huwa hati. L-ammissjoni, madanakollu, ma tigix registrata fil-verbal u allura wisq inqas jinghata zmien l-imputat sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni wara twissija mill-Qorti. L-ammissjoni finalment qatt ma terga' tigi riaffermata mill-imputat u dan fl-ebda stadju tal-proceduri sat-tmiem taghhom disgha snin wara. Gie deciz illi:

**"Meta l-fatt imputat jipotizza reat li ma huwiex ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati u ghalhekk ghandha, jew tista`, issir kumpilazzjoni - apparti mill-obbligu generali naxxenti mill-Artikolu 519 tal-Kap. 9 [Dmir ral-Qorti li tipprovdi difiza kif tixraq lill-akkuzat], il-Qorti tal-Magistrati ghandha timxi skrupolozament ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 392 [Ezami ta` l-Imputat], u specjalment is-subartikolu (2) [Twissija lill-Imputat] tieghu; u fil-kaz li waqt l-ezami skont l-Artikolu 392 imsemmi tigi resgistrata ammissjoni il-Qorti tal-Magistrati ghandha wkoll skrupolozament timxi skont l-Artikolu 392A. Dana l-Artikolu japplika mhux biss ghall-kazijiet fejn ir-reat ipotizzat ikollu piena ta' aktar minn erba' snin prigunerija (imma mhux aktar minn ghaxar snin) izda japplika wkoll ghall-kazijiet fejn il-piena tkun ta' aktar minn sitt xhur imma mhux aktar minn erba' snin u l-Avukat Generali jkun ta l-kunsens bil-miktub ghall-procedura sommarja ab initio skont l-Artikolu 370(4)(a). Li <u>dana l-Artikolu 392A japplika wkoll fil-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 370(4) jidher car mill-lokuzzjoni adoperata fis-subartikolu (6) tal-imsemmi Artikolu 370: "Il-qorti hija wkoll kompetenti li taghti s-sentenza lill-akkuzat fic-cirkostanzi u kif provdut fl-artikolu 392A".</u>**

**Issa, skont l-Artikolu 392A(1) il-Qorti tal-Magistrati ghandha tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 453(1). Skont l-Artikolu 453(1) jekk l-imputat jistqarr, bhala twegiba ghall-mistoqsija jekk iridx u xi jrid iwiegeb fuq l-akkuza, li hu hati skont l-imputazzjoni, il-qorti ghandha twissih b'mod l-aktar solenni**

**dwar il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u taghtih ftit ta' zmien biex jerga' lura minnha. Huwa biss <u>jekk l-imputat jibqa' jtenni dik it-twegiba li l-qorti ghandha tordna li l-ammissjoni tigi registrata</u>, u wara tghaddi biex taghti s-sentenza skont il-ligi. L-osservanza ta' dan ir-rit, li l-legislatur iqis li hu importanti biex jigu salvagwardati d-drittijiet ta' l-akkuzati, ghandu jirrizulta mill-atti u senjatament mill-verbal ta' l-udjenza li fiha jkun sar l-ezami ta' l-imputat. Nuqqas ta` ottemperanza ma' dawn il-formalitajiet igib in-nullita` tas-sentenza[1]" (Il-Pulizija vs Gary Grech – deciza App.Inf. 10/01/2003.)**

Dan maghdud minn ezami tal-atti jidher illi it-twegiba moghtija mill-appellant ghal mistoqsija lilu maghmula fit-termini tal-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali dwar jekk iridx u xi jrid iwegeb fuq l-akkuzi, u cioe' li kien hati, qatt ma giet irregistrata fl-ebda stadju tul il-process penali istitwit fil-konfront tieghu, kif inghad. Mhux biss izda l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tisma' l-provi u l-process gudizzjarju ha il-kors normali tieghu daqslikieku l-appellant kien wiegeb li mhux hati tar-reati lilu addebitati. Illi allura l-ewwel Qorti malament strahet fuq dik l-ammissjoni li ma saritx konformi mal-ligi, izda kellha tghaddi biex taghmel apprezzament tal-provi li kien hemm fl-atti.

Illi d-dritt tal-persuna akkuzata biex ma tinkriminax ruhha huwa sakrosant tant illi l-artikolu 392 tal-Kodici Kriminali jfittex biex ihares dan il-jedd meta isiru il-mistoqsijiet fl-ezami tal-imputat minghajr gurament fl-istadju inizjali tal-kawza. Hemm dispost:

**"(2) Qabel ma tagħmel ebda waħda mill-mistoqsijiet hawn fuq imsemmija, il-qorti għandha tfisser lill-imputat ix-xorta tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u twissih li mhux obbligat iwieġeb għal ebda mistoqsija lanqas li jitfa' l-ħtija fuqu nnifsu, li hu jista', jekk irid, ikun assistit minn avukati jew prokuraturi legali u li kull ħaġa li huwa jgħid tkun tista' tinġieb bħala prova kontra tiegħu.**
**(3) Il-qorti għandha tniżżel fil-bidu nett tal-eżami li d-dispożizzjonijiet tal-aħħar subartikolu qabel dan ġew imħarsa."**

Lanqas din it-twissija ma jirrizulta li saret mill-atti biex b'hekk l-Ewwel Qorti ma setatx tistrieh fuq dik l-inkriminazzjoni tieghu innifsu maghmula mill-appellant fl-ewwel seduta u dan meta ghaddiet biex sabitu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

---

[1] Illi l-ligi ghadha identika ghar-rigward tal-formalitajiet li ghandhom jigu osservati meta jkun hemm l-ammissjoni mill-persuna akkuzata u dan anke wara li-emendi li dahhlu fis-sehh permezz tal-Att VIII tal-2015 meta zdiedet il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Ikkunsidrat,

Stabbilit ghalhekk illi l-ammissjoni tal-appellant ma setatx twassal ghal sejbien ta' htija tieghu ghar-ragunijiet migjuba, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina il-provi skarni li kien hemm fl-atti, konsistenti biss fil-*proces verbal* dwar l-*in genere*, u x-xiehda tal-esperti il-Perit Richard Aquilina u PS612 Theo Vella flimkien ma' PS46 Charlot Casha ufficjal tax-xena tar-reat, u PS1439 John Tabone, kif ukoll il-vittma Raymond Galea.

Illi dak li jemergi mill-atti probatorji huwa illi dak li wassal lill-Pulizija Ezekuttiva biex jiehdu passi kriminali kontra l-appellant kien il-fatt illi id-derubat kien infurmahom illi kellu informazzjoni kunfidenzjali li kienet intlemhet vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAB762 tieqaf quddiem il-hanut tieghu, minn liema vettura nizzlet persuna li ipprocediet biex dahhlet fil-hanut tieghu meta dan kien maghluq. Minn stharrig li ghamlu l-pulizija irrizulta illi din il-vettura kienet irregistrata f'isem l-appellant. Il-persuna li tigi osservata niezla minn din il-vettura u tidhol fil-hanut tal-vittma, madanakollu tibqa' mhux identifikata. Mhux biss izda ma hemm l-ebda prova in atti li tindika illi l-vettura in kwistjoni fil-fatt hija irregistrata fuq l-appellant. Lanqas tingieb tixhed fil-qorti l-persuna li allegatament lemhet din ix-xena. L-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur qatt ma tixhed biex b'hekk ma hemmx hjiel dwar l-kors li hadu l-investigazzjonijiet wara li wasslet l-informazzjoni anonima, u jekk l-appellant giex interrogat billi lanqas stqarrija ma hemm fl-atti. Ghalkemm mill-atti tal-*in genere* jirrizulta illi gew elevati xi impronti digitali mill-ufficjali tax-xena tar-reat, dawn qatt ma gew imqabbla ma' dawk tal-appellant biex b'hekk ma hemmx l-icken prova li tpoggi lill-appellant fuq ix-xena tar-reat u li b'xi mod torbtu mas-serqa kommessa.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-Ewwel Qorti qabilha u ghalhekk l-aggravvji migjub mill-appellant jisthoqqilhom akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tghaddi ghalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentment tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija.

Edwina Grima

Imhallef